— Kwalunkwe informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' l-istandards tista' tinkiseb jew mill-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandardizzar jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzar li l-lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE (1) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendata mid-Direttiva 98/48/KE (2).

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma timplikax li l-istandards huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Komunità.

— Din il-lista tieħu post il-listi kollha preċedenti pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Aktar informazzjoni dwar standards armonizzati tinstab fl-Internet f':

http://ec.europa.eu/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/

(1) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.
(2) ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18.

# Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006, dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 280/07)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 140/07 |
| Stat Membru | Il-Greċja |
| Reġjun | 87(3)(a), 87(3)(c) |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Καθεστώς ενισχύσεων για πολύ μικρές επιχειρήσεις δευτερογενούς και τριτογενούς τομέα, σε μέλη αγροτικού νοικοκυριού και σε κατοίκους ή μη της υπαίθρου, στο πλαίσιο εφαρμογής Μέτρων του Άξονα 3 και 4 του Προγράμματος Αγροτικής Ανάπτυξης της Ελλάδας 2007-2013/kathestos enisxyseon gia poly mikres epixeiriseis defterogenous kai tritogenous tomea se meli agrotikou noikokyriou kai se katoikous i mi tis ypaithrou, sto plasio efarmogis metron tou axona 3 kai 4 tou Programmatos agrotikis anaptyxis tis Elladas 2007-2013 |
| Bażi legali | N. 2065/92, άρθρο 39 παρ. 10 (ΦΕΚ 113/Α'/92) «περί εγκρίσεως οικονομικών ενισχύσεων από τους Υπουργούς Οικονομικών και Γεωργίας» |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 163,3 miljun EUR |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 40 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.1.2008 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Υπουργείο Αγροτικής Ανάπτυξης, Υπηρεσία Διαχείρισης ΕΠΑ Αγροτική Ανάπτυξη/ Ypourgeio Agrotikis Anaptyxis, Ypireisia Diaxeirisis EPA Agrotiki Anaptyxi<br>Τηλ. (30) 210 527 50 83<br>E-mail: vskandalis@mnec.gr |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | www.agrotikianaptixi.gr |
| Aktar informazzjoni | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 165/07 |
| Stat Membru | Il-Polonja |
| Reġjun | Łódzkie |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna ad hoc | Program pomocy regionalnej miasta Łodzi na wspieranie nowych inwestycji i tworzenie związanych z nimi nowych miejsc pracy przy wykorzystaniu nowoczesnych technologii |
| Bażi legali | Art. 7 ust. 3 ustawy z dnia 12 stycznia 1991 r. o podatkach i opłatach lokalnych (Dz.U. z 2006 r. nr 121, poz. 844, z późn. zm.)<br>Uchwała nr VIII/138/07 Rady Miejskiej w Łodzi z dnia 28 marca 2007 r. w sprawie zwolnień od podatku od nieruchomości w ramach pomocy regionalnej na wspieranie nowych inwestycji i tworzenie związanych z nimi nowych miejsc pracy przy wykorzystaniu nowoczesnych technologii |

| | |
|---|---|
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | 2 miljun PLN |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 50 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 9.6.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Rada Miejska w Łodzi, Prezydent Miasta Łodzi<br>Kontakt: Michał Łyczek — Z-ca Dyrektora Wydziału Finansowego<br>Adres: ul. Piotrkowska 104, PL-90-004 Łódź<br>Tel. (48-42) 638 47 10<br>E-mail: m.lyczek@uml.lodz.pl |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | http://bip.uml.lodz.pl/_plik.php?id=8332 |
| Informazzjoni oħra | — |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# KUMMISSJONI

## Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri kontra d-dumping u ta' kontrobilanċ

(2007/C 280/08)

Wara li ġie ppubblikat avviż ta' skadenza imminenti ([1]), li ma wassal għal ebda talba għar-reviżjoni, il-Kummissjoni tavża li l-miżuri kontra d-dumping u ta' kontrobilanċ imsemmija isfel ser jiskadu dalwaqt.

Dan l-avviż qiegħed jiġi ppubblikat b'konformità ma' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni mill-importazzjoni dumped minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([2]) u ma' l-Artikolu 18(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni mill-importazzjoni ssussidjata minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([3]).

Konsegwentement intemmet l-analiżi interim parzjali li kienet inbdiet skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 intiża biex teżamina l-eżistenza u l-livell ta' ċerti sussidji ([4]).

| Prodott | Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' l-iskadenza |
|---|---|---|---|---|
| Ħajt minsuġ tal-filament tal-poliester (PTY) | L-Indja | Dazju anti-dumping | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2093/2002 (ĠU L 323, 28.11.2002, p. 1) | 29.11.2007 |
| Ħajt minsuġ tal-filament tal-poliester (PTY) | L-Indja | Dazju ta' kontro bilanċ | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2094/2002 (ĠU L 323, 28.11.2002, p. 21) | 29.11.2007 |

([1]) ĠU C 52, 7.3.2007, p. 16.
([2]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
([3]) ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12)
([4]) ĠU C 210, 8.9.2007, p. 5.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.4965 — Arques/Skandinavische Actebis-Landesgesellschaften)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 280/09)

1. Fis-16 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħhu l-impriża Arques Industries AG ("Arques", il-Ġermanja) takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll ta' l-intier ta' l-impriżi Actebis Computer A/S (id-Danimarka), Actebis Computer A/S (in-Norveġja) u Actebis Computer AB (l-Iżvezja) (flimkien "Actebis Scandinavian companies") permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Arques u l-kumpaniji affiljati magħha: Ristrutturar tal-kumpaniji; bejgħ bl-ingrossa u bejgħ mill-ġdid ta' prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika, prodotti għall-immuntar tat-teknoloġija ta' l-informatika;

— għal Actebis Scandinavian companies: bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4965 — Arques/Skandinavische Actebis-Landesgesellschaften, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

# ATTI OĦRAJN

# KUMMISSJONI

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 dwar prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti

(2007/C 280/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 509/2006**

**Applikazzjoni għal emenda skond l-Artikoli 11 u 19(3)**

**"PANELLETS"**

**Nru tal-KE: ES/TSG/107/0018/29.10.2003**

1. **Grupp applikant:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Federació Catalana de Patisseria |
| Indirizz: | Avda Gaudí 28, 1º 2a |
| Tel.: | (34) 93 34 80 90 47 |
| Faks: | (34) 93 436 28 46 |
| Posta elettronika: | — |

2. **Stat Membru jew Pajjiż terz**

Spanja

3. **Intestatura ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott milquta mill-modifika**

☐ Isem il-prodott

☐ Riżerva ta' l-isem (skond l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006)

X Deskrizzjoni u metodu tal-produzzjoni

X Deskrizzjoni tal-prodott

X Oħrajn: Emenda tar-rekwiżiti minimi u tal-proċeduri ta' kontroll ta' l-ispeċifiċità tal-prodott.

4. **Tip ta' emenda/i**

X. Emenda ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' l-ispeċjalità tradizzjonali garantita

☐ Modifika temporanja ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006) — (agħti provi ta' l-eżistenza ta' dawn il-miżuri)

5. **Modifiki:**

5.1. *Deskrizzjoni u metodu tal-produzzjoni*

Dan il-prodott tipiku huwa ħafna aktar varjat milli jidher mid-deskrizzjoni mogħtija fl-ispeċifikazzjoni oriġinali mressqa lill-Kummissjoni, billi hemm firxa wiesgħa ta' metodi lokali ta' produzzjoni li jżewqu l-prodott.

*Panellets* magħmulin minn marżipan bażiku

Il-lista tal-*panellets* mhijiex eżawrjenti: id-deskrizzjonijiet tat-tipi differenti ta' *panellets* huma biss gwida ġenerali, billi kull dulċier ikollu l-istil tiegħu li jiġi rifless fil-prodott, filwaqt li jżomm il-karatteristiċi bażiċi li jiddefinixxu l-prodott f'termini ta' ingredjenti u togħma.

*Panellets* tal-ġewż ta' l-Indi (*coconut*)

L-"abjad tal-bajd" tinbidel b'"bajd sħiħ".

*Panellets* tal-ġellewż

L-"abjad tal-bajd" tinbidel b'"bajd sħiħ".

*Panellets* magħmulin minn marżipan oħxon

L-"abjad tal-bajd" tinbidel b'"bajd sħiħ".

Is-sostituzzjoni ta' "abjad tal-bajd" għal "bajd sħiħ, kif ukoll l-ilma fejn meħtieġ" hija dovuta għall-fatt li, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-*Panellets* fil-ĠUUE, ħafna dulċiera artiġjani stqarrew li fl-esperjenza tagħhom, l-abjad tal-bajd iwassal għal *panellets* li jkunu xotti wisq.

Il-bajd sħiħ (l-abjad u l-isfar) ma għandux l-istess effett peress li l-prodott iżommu umdu filwaqt li jagħtih it-togħma, u b'hekk iwassal għal *panellets* b'forma regolari u b'dehra li taqbel ma' dak li jfittex il-konsumatur f'dan il-prodott. Barra minn hekk, iż-żejt fil-lewż li jintuża biex isir il-marżipan bażiku jew il-varjetajiet differenti ta' *panellet* jista' jirriżulta f'għaġina ratba wisq (skond il-proporzjon ta' żejt li l-lewż ikun fih, il-varjetà, l-età, il-ħsad, eċċ). Iż-żieda tal-bajd sħiħ (l-abjad u l-isfar) tpatti għal dan l-effett u tagħti prodott aktar stabbli.

5.2. *Deskrizzjoni tal-prodott*

Karatteristiċi fiżiko-kimiċi:

Hija pprojbita biss iż-żieda ta' koloranti artifiċjali, u għaldaqstant, iż-żieda ta' koloranti naturali hija permessa. Dan kien żball fl-ispeċifikazzjoni, u nqisu li din il-modifika ma għandhiex tqajjem problemi għax ma tolqot la l-kwalità u lanqas in-natura tradizzjonali ta' dan il-prodott artiġjanali. Diversi studji wrew li l-aċċettabbiltà ta' prodott ta' l-ikel mill-konsumatur tiddependi ħafna mid-dehra tiegħu, u għaldaqstant minn lewnu wkoll. Din hija l-ġustifikazzjoni ewlenija għall-użu ta' koloranti fl-ikel. Il-koloranti ma jtejbux il-kwalità tal-prodott f'termini ta' preżervazzjoni jew valur alimentari, iżda jiżdiedu biss biex itejbu d-dehra tiegħu u jagħmluh iħajru aktar, jew biex iroddu lura l-kulur li jkun intilef matul il-proċess ta' produzzjoni. Billi l-*panellet* huwa prodott artiġjanali, huwa soġġett għal aktar varjabbiltà sensorjali mill-prodotti industrijali. Għalhekk, l-artiġjani jqisu mill-aktar meħtieġ l-użu ta' koloranti naturali abbażi tal-frott u l-ħxejjex, li jikkoreġu kwalunkwe telf ta' kulur li jkun sar matul il-proċess ta' produzzjoni, iżda mhux l-użu ta' koloranti artifiċjali, li jolqtu ħażin il-kwalità tal-prodott.

5.3. *Rekwiżiti minimi u proċeduri ta' kontroll ta' l-ispeċifiċità tal-prodott*

Tneħħija tal-kliem "ta' kuljum" mir-reġistru ta' produzzjoni

It-tneħħija tar-referenza temporali "ta' kuljum" mir-reġistru tal-produzzjoni tal-*panellets* hija ġġustifikata mill-proċess ta' produzzjoni nnifsu, li jsir f'żewġ fażijiet konsekuttivi u definiti bis-sħiħ. Fl-ewwel fażi jiġu prodotti l-marżipan bażiku u l-marżipan fin. Din il-fażi tista' ddum jum jew aktar, skond il-volum ta' produzzjoni ta' l-artiġjan ikkonċernat. Wara dan tibda t-tieni fażi, fejn jiġu prodotti d-diversi varjetajiet tal-*panellets*. Għaldaqstant, id-dulċiera artiġjani huma tal-fehma li ma jagħmilx sens li jissemma reġistru tal-produzzjoni ta' kuljum ta' *panellets*, għax minkejja li dawn huma l-prodott aħħari, il-proċess tal-produzzjoni jibda jum jew ftit jiem qabel, meta jinkiseb il-marżipan bażiku.

SPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT AĠĠORNATA

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 509/2006**

**"PANELLETS"**

**Nru tal-KE: ES/TSG/107/0018/29.10.2003**

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Subdirección General de Sistemas de Calidad Diferenciada. Dirección General de Alimentación. Secretaría General de Agricultura y Alimentación del Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación. |
| Indirizz: | Paseo Infanta Isabel, 1<br>E-28071 Madrid |
| Tel.: | (34) 913 47 53 97 — (34) 913 47 52 98 |
| Faks: | (34) 913 47 54 10 — (34) 913 47 51 70 |
| Posta elettronika: | sgcaproagro@mapya.es |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Federació Catalana de Pastisseria |
| Indirizz: | Avda Gaudí 28, 1º, 2a<br>E-08025 Barcelone |
| Tel.: | (34) 93 348 09 47 |
| Faks: | (34) 93 436 28 46 |
| Posta elettronika: | — |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/proċessuri ( X ) Oħrajn ( ) |

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 2.3: Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera, galletti u gallettini.

4. **Speċifikazzjoni:**

4.1. *Isem:* "Panellets"

4.2. *Deskrizzjoni u metodu ta' produzzjoni:* Il-*panellets* huma pastini li jkollhom diversi forom, magħmulin essenzjalment mill-marżipan u minn ingredjenti li jagħtu togħmiet u aromi karatteristiċi lill-prodott.

Hemm firxa wiesgħa ta' *panellets* magħmulin minn tliet tipi differenti ta' marżipan: marżipan bażiku, marżipan oħxon u marżipan fin.

Fil-varjetajiet tal-*panellets* li jkunu bil-frott, jistgħu jiżdiedu ma' l-għaġina prodotti tal-frott (ġammijiet u marmellati), kif ukoll aromi biex iqawwu t-togħma. Fil-każijiet kollha, iż-żieda ta' lamtu (tal-patata jew tal-patata ħelwa), tat-tuffieħ, ta' preżervattivi jew ta' koloranti artifiċjali hija pprojbita.

*PANELLETS* MAGĦMULIN MINN MARŻIPAN BAŻIKU

Hawn isfel tingħata deskrizzjoni tal-varjetajiet l-aktar komuni ta' *panellets*. Il-lista mhijiex eżawrjenti: id-deskrizzjonijiet tat-tipi differenti ta' *panellets* huma biss gwida ġenerali, billi kull dulċier ikollu l-istil tiegħu li jiġi rifless fil-prodott, filwaqt li jżomm il-karatteristiċi bażiċi li jiddefinixxu l-prodott f'termini ta' ingredjenti u togħma.

Il-marżipan bażiku jsir billi jiżdied, għal kull kilo lewż imqaxxar u mitħun, kilo zokkor u bajd sħiħ, kif ukoll l-ilma fejn meħtieġ. It-taħlita tintgħaġen sew u titħalla toqgħod għal madwar 24 siegħa sakemm il-konsistenza ssir omoġenja. Wara dan, l-għaġina jingħatawlha l-forom diversi u jiżdidulha t-togħmiet. Jista' jintuża proporzjon ogħla ta' lewż minn dak indikat. Il-varjetarjiet l-aktar komuni ta' *panellets* huma:

a) *Panellets* tal-ġewż ta' l-arżnu:

Għal kull kilo ta' marżipan bażiku, jiżdidulu 10 g qoxra maħkuka ta' lumija. Porzjonijiet ta' madwar 20 g jinksew totalment b'ġewż ta' l-arżnu mxarrab bil-bajd. Tingħatalhom forma ta' ballun u jerġgħu jindilku bil-bajd, imbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 280 °C u 290 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Dehbi u mixwi |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra mixwija |
| Aroma | Ġewż ta' l-arznu u lumi |
| Togħma | Ġewż ta' l-arżnu u lewż |

b) *Panellets* tal-lewż:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 10 g qoxra maħkuka ta' lumija. Porzjonijiet ta' madwar 20 g jinksew totalment b'lewż mitħun imxarrab bil-bajd. Tingħatalhom forma tawwalija u kemmxejn tonda, jerġgħu jindilku bil-bajd, u mbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 260 °C u 270 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Dehbi u mixwi |
| Konsistenza | Ratba fin-naħa ta' ġewwa |
| Aroma | Vanilla |
| Togħma | Lewż iqarmeċ |

ċ) *Panellets* tal-ġewż ta' l-Indi (*coconut*):

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 150 g ġewż ta' l-Indi maħkuk, 150 g trab taz-zokkor u 100 g bajd sħiħ. Porzjonijiet ta' madwar 25 g tingħatalhom forma ta' muntanji żgħar bil-ponta, imbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 260 °C u 270 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Flambé |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra rqiqa u mixwija, rabta fin-naħa ta' ġewwa |
| Aroma | Ġewż ta' l-Indi |
| Togħma | Ġewż ta' l-Indi u lewż |

d) *Panellets* tal-ġellewż:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 150 g ġellewż mixwi maħkuk, 150 g trab taz-zokkor u 100 g bajd sħiħ. Porzjonijiet ta' madwar 22 g tingħatalhom forma ta' ballun u jinksew biz-zokkor mitħun. Titqiegħed ġellewża f'nofs kull porzjon, imbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 240 °C u 250 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Kannella |
| Konsistenza | Wiċċ zokkri |
| Aroma | Ġellewż |
| Togħma | Ġellewż u marżipan |

e) *Panellets* tal-larinġ:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 200 g qoxra maħkuka sew tal-larinġ immarmellat. Porzjonijiet ta' madwar 26 g tingħatalhom forma tawwalija, jinksew biz-zokkor mitħun, u mbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 240 °C u 250 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Jaghti fl-oranġjo |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra zokkrija, ratba fin-naħa ta' ġewwa |
| Aroma | Larinġ |
| Togħma | Larinġ u lewż |

f) *Panellets* tal-lumi:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 10 g qoxra maħkuka ta' lumija u żewġ isfra tal-bajd. Porzjonijiet ta' madwar 26 g tingħatalhom forma ta' ballun, jinksew biz-zokkor mitħun, u mbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 240 °C u 250 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Isfar ċar |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra tqarmeċ minħabba il-kisi ta' zokkor, u ratba fin-naħa ta' ġewwa, bi frak tal-lumi |
| Aroma | Lumi |
| Togħma | Lumi u lewż |

g) *Panellets* ta' l-isfar tal-bajd:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 150 g krema pastiċċera u 1 g vanilla. Porzjonijiet ta' madwar 26 g tingħatalhom forma ta' ballun u jinksew b'zokkor fin tal-ġelu bix-xaba', u mbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 220 °C u 230 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Isfar ċar |
| Konsistenza | Lixxa |
| Aroma | Bajd u lewż |
| Togħma | Bajd u lewż |

h) *Panellets* tal-kafè:

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 8 g kafè mitħun, kif ukoll karamella biex tagħtih il-lewn mixtieq. Porzjonijiet ta' madwar 26 g tingħatalhom forma tawwalija, jinksew bit-trab taz-zokkor, u mbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 220 °C u 230 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Kannella skura |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra mixwija, ratba fin-naħa ta' ġewwa |
| Aroma | Kafè |
| Togħma | Kafè u lewż |

i) *Panellets* tal-frawli:

Għal kull kilo marżipan bażiku, tiżdiedlu kwantità raġonevoli ta' ġamm tal-frawli, kif ukoll bajda. Porzjonijiet ta' madwar 26 g tingħatalhom forma ta' ballun u jinksew bit-trab taz-zokkor, imbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 220 °C u 230 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Tal-frawli |
| Konsistenza | Ratba |
| Aroma | Tal-frawli |
| Togħma | Frawli u lewż |

j) *Panellets* tal-"*marron glacé*" (qastan miksi bix-xropp taz-zokkor)

Għal kull kilo marżipan bażiku, jiżdidulu 300 g pasta tal-*marron glacé*. Porzjonijiet ta' madwar 22 g tingħatalhom forma ta' ballun u jinksew bit-trab taz-zokkor, imbagħad jinħmew fil-forn f'temperatura ta' bejn 220 °C u 230 °C.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Kannella skura |
| Konsistenza | Ratba |
| Aroma | Qastan u lewż |
| Togħma | Qastan u lewż |

*PANELLETS* MAGĦMULIN MINN MARŻIPAN OĦXON

Għal kull kilo marżipan bażiku (prodott skond id-deskrizzjoni ta' fuq), jiżdidulu 150 g lewż mithun u bajd sħiħ biex jagħtuh il-konsistenza mixtieqa. Porzjonijiet ta' madwar 26 g jinqatgħu f'forom diversi. L-aktar forom tradizzjonali huma: ta' qastan, ta' faqqiegħ, ta' zukkletta, ta' strixxi mimlijin frott immarmellat, u ta' sfarġel.

*PANELLETS* MAGĦMULIN MINN MARŻIPAN FIN

1 300 g zokkor b'400 g ilma u 6 g kremor tat-tartru jiġu mgħollija sa temperatura ta' 118 °C. Jiżdidulu kilo lewż mithun sew u 200 g glukożju. Din il-bażi titħalla toqgħod għal 24 siegħa, imbagħad tissaffa u tkun lesta għall-użu.

a) *Panellets* taċ-ċikkulata b'forma ta' qastan:

Minn din il-bażi ta' marżipan fin, jinqatgħu porzjonijiet ta' madwar 18 g u tingħatalhom forma ta' qastan, li mbagħad jinksew biċ-ċikkulata.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Kannella |
| Konsistenza | Qoxra ta' barra tqarmeċ, ratba fin-naħa ta' ġewwa |
| Aroma | Ċikkulata |
| Togħma | Ċikkulata u lewż |

b) *Panellets"Hueso de santo"* (għadam tal-qaddisin):

Il-bażi tal-marżipan fin tinfetaħ b'lenbuba b'kanali maħduma fiha. Tindilek fuqha krema tal-bajd u tinqata' f'biċċiet ta' madwar 30 g. Dawn il-biċċiet jinksew bil-ġeli, imbagħad jindilku bix-xropp.

| Karatteristiċi organolettiċi | |
|---|---|
| Lewn | Abjad, zokkri |
| Konsistenza | Ratba |
| Aroma | Isfar tal-bajd |
| Togħma | Isfar tal-bajd u marżipan |

4.3. *Karatteristiċi tradizzjonali:* Fil-letteratura Katalana tas-seklu 18, hemm referenzi li fil-*Ciutat Vella* (ċentru storiku) ta' Barċellona, dak iż-żmien diġà kienet tittella' kull sena fiera tal-qastan u tal-*panellets*. Il-*panellets* għadhom sal-lum jittieklu flimkien mal-qastan u nbid ħelu fil-festa tal-Qaddisin Kollha. F'din il-fiera kienu jintwerew trejs kbar ta' *panellets* b'diversi forom u togħmiet, u xi drabi kienu jitqiegħdu b'mod li kienu jiffurmaw stampi u figuri kurjużi. Diġà fil-fiera ta' l-1796 kien hemm 'il fuq minn 200 post tal-wiri, li fost l-oħrajn kienu joffru *panellets*, li kienu jitqassmu fost in-nies permezz ta' tlugħ bix-xorti. Din it-tradizzjoni ta' lotterija tal-*panellets*, li ġeneralment kienu jieħdu ħsiebha d-dulċiera, infirxet f'ħafna bliet u rħula tar-reġjun.

In-nies kienu jġorru l-*panellets* sal-knisja f'basktijiet, qfief jew bxiekel. Il-*panellets* kienu jitbierku mill-qassis, imbagħad in-nies kienu jikluhom fil-knisja mal-bqija tal-komunità bħala att liturġiku kollettiv.

Biex tingħata idea tal-livell ta' konsum tal-*panellets* fil-belt ta' Barċellona, biżżejjed ngħidu li diġà fl-1920, il-*Forn de Sant Jaume* (wieħed mill-aktar furnara prestiġjużi tal-belt) xtara elf kilo ġewż imqaxxar ta' l-arżnu esklussivament għall-produzzjoni tal-*panellets*. Skond il-*Gremio provincial de pasteleria y confitería* [l-Għaqda provinċjali tad-dulċiera] ta' Barċellona, fil-ħarifa ta' l-1999 ittieklu fil-belt u fiż-żona metropolitana ta' Barċellona madwar 600 000 kilo *panellets*, bl-aktar varjetà popolari tkun dik tal-ġewż ta' l-arżnu (50 %), segwita mill-varjetà tal-lewż (15 %).

Barra minn hekk, skond studji etnografiċi, il-*panellets* fihom sinifikat ċerimonjali, bħall-pastiċċerija kollha tradizzjonali li tittiekel fil-jiem festivi.

4.4. *Deskrizzjoni tal-prodott:* Karatteristiċi organolettiċi: Peress li l-karatteristiċi organolettiċi (il-lewn, it-togħma, l-aroma u l-konsistenza) jkunu differenti skond il-varjetà tal-*panellets*, dawn ġew ikkunsidrati separatament f'kull waħda mit-taqsimiet ta' hawn fuq.

Karatteristiċi fiżiko-kimiċi: Il-kompożizzjoni tad-diversi *panellets* tvarja skond it-tip ta' marżipan (bażiku, oħxon jew fin) li minnu jkunu magħmulin, kif ukoll skond il-varjetà kkonċernata. Madankollu, fil-każijiet kollha, l-użu tal-patata, tal-patata ħelwa, tat-tuffieħ, ta' preżervattivi u ta' koloranti artifiċjali huwa pprojbit.

Karatteristiċi mikrobijoloġiċi: Il-kriterji mikrobijoloġiċi li għandhom jintlaħqu huma stipulati fil-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-saħħa (id-Direttiva tal-Kunsill 43/93/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel).

Preżentazzjoni: Ġeneralment, il-*panellets* jinbiegħu bl-imnut, fi kwantitajiet kbar, fid-dulċiera u fi ħwienet oħra. Meta l-*panellets* jinbiegħu f'pakkett, il-kaxex li jkun fihom il-*panellets* għandhom ikunu ttikkettati skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

4.5. *Rekwiżiti minimi u proċeduri ta' kontroll ta' l-ispeċifiċità: Il-panellets irreġistrati bħala "speċjalità tradizzjonali garantita"* għandu jkollhom karatteristiċi speċifiċi li jagħżluhom minn *panellets* oħrajn. Għaldaqstant, fil-produzzjoni tal-marżipan bażiku, għandhom jintużaw biss lewż niexef imqaxxar, zokkor u bajd sħiħ. Iż-żieda ta' lamtu (tal-patata jew tal-patata ħelwa), tat-tuffieħ, ta' preżervattivi jew koloranti artifiċjali huwa pprojbit.

Għandhom isiru l-kontrolli li ġejjin: kontroll tal-karatteristiċi organolettiċi; kontroll tan-nuqqas ta' lamtu (permezz ta' test bis-soluzzjoni $I_2$), tan-nuqqas ta' preżervattivi (aċidu sorbiku/sorbat, aċidu benżojku/benżoat) u ta' koloranti artifiċjali (permezz tal-metodu kromatografiku likwidu ta' rendiment għoli (HPLC)), u tan-nuqqas ta' tuffieħ (permezz tad-detezzjoni ta' fibra ta' l-ikel solubbli b'mezzi kimiċi). Għall-varjetajiet ta' *panellets* li ma fihomx il-frott, dawn il-kontrolli jsiru fuq il-prodott finali, filwaqt li għal dawk li fihom il-frott, il-kontrolli jsiru fuq l-għaġina tal-marżipan.

L-elementi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu kkontrollati mill-organi ta' spezzjoni Mesa Veritas Español, kif ukoll minn organi oħrajn li jiggarantixxu l-konformità ta' l-istandard EN-45011. L-organi ta' spezzjoni għandhom jimmonitorjaw is-sistema ta' kontroll tal-produttur, kif ukoll il-karatteristiċi tal-prodott. Dawn l-organi għandhom iwettqu wkoll spezzjonijiet ta' segwitu kull tant żmien.

L-organi ta' spezzjoni għandhom jikkontrollaw il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-karatteristiċi tal-prodott aħħari. Għandhom jagħtu ċertifikat inizjali lill-impriżi kkonċernati, li min-naħa tagħhom għandhom iressqu talba bil-miktub lil wieħed mill-organi ta' spezzjoni awtorizzati, li fiha jintrabtu li jir-rispettaw ir-rekwiżiti mogħtija fl-ispeċifikazzjoni, u li jwettqu l-kontrolli meħtieġa biex jiggarantixxu l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

L-artiġjani u l-produtturi għandhom iżommu dokumenti bil-miktub li fihom jiddeskrivu l-kundizzjoni-jiet tal-produzzjoni u l-karatteristiċi tal-prodott aħħari. Barra minn hekk, għandhom iżommu reġistru tal-produzzjoni ta' *panellets*.

Ladarba jingħata ċ-ċertifikat ta' konformità, l-organi ta' ċertifikazzjoni għandhom iwettqu kontrolli ta' segwitu u verifika kull tant żmien, skond in-natura staġjonali tal-prodott (iż-żmien tas-sena li fih jiġi kkonsmat l-aktar) u l-volum ta' produzzjoni ta' kull produttur. Il-konformità ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għandha tkun ikkontrollata bl-ivverifikar tas-sistemi ta' kontroll tal-prodottur, bl-eżami tad-dokumentazzjoni pprovduta u permezz ta' kontrolli każwali matul il-produzzjoni.

5. **Applikazzjoni għall-protezzjoni skond l-Artikolu 13(2):** Le